**26 ta' April, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

George Vassallo

*versus*

Lawrence Fenech *et noe*

## Appalt – Bejgħ – Dekadenza – Distinzjoni Bejn Appalt u Bejgħ – Azzjoni Redhibitoria

*L-attur fittex għaliex ippretenda li l-madum fornit mill-konvenut ma kienx maħdum skond l-arti u s-sengħa.*

*Ġiet eċċepita l-irritwalità taċ-Ċitazzjoni stante li l-kuntratt "de quo" kien wieħed ta' bejgħ u mhux ta' appalt u d-dekadenza mill-azzjoni redhibitoria stante d-dekors taż-żmien stabbilit mil-Liġi.*

*Il-Qorti ta' l-Appell osservat li għalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina tidher però prevalenti u aktar konvinċenti t-teorija li wieħed għandu jħares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti u jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni "di fare" allura l-kuntratt huwa ta' "locatio operis" mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni "di dare" l-kuntratt ikun ta' bejgħ.*

*Il-Qorti ta' l-Appell filwaqt illi kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti sabet illi l-kuntratt kien wieħed ta' bejgħ u minħabba li kien għadda ż-żmien l-attur kien iddekada mill-possibilità li jeżerċita l-azzjoni redhibitoria.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur, wara li ppremetta li ta appalt lill-konvenuti *nomine* biex jimmanufatturawlu u jikkonsenjawlu kwantità ta' madum tal-marka *Perlato 409,* intiż mill-attur għall-użu u tqegħid fid-dar tiegħu *"Vassallo House", New Street, in Burmarrad Road,* Burmarrad, li dan il-madum wara li

*tqiegħed fil-fond* ta' l-attur u ġie *"polished"* irriżulta li huwa madum ħasin u mhux skond is-sengħa u l-arti kif jidher mill-anness ċertifikat peritali (Dok. X) u illi għalkemm interpellati diversi drabi biex jirrimedjaw tali madum difettuż minnhom immanufatturat u kkonsenjat lill-attur u in segwitu mqiegħed fil-fond tiegħu f'Burmarrad fuq indikat, inkluża talba permezz ta' ittra uffiċjali datata *10* ta' Diċembru, 1981 il-konvenuti *nomine* baqgħu inadempjenti – talab (1) li jiġi ddikjarat u deċiż minn dik il-Qorti illi l-madum tal-marka *Perlato 409* immanufatturat u kkonsenjat mid-ditta konvenuta lill-attur kif premess inħadem ħażin u mhux skond is-sengħa u l-arti, (2) li konsegwentement il-konvenuti *nomine* jiġu kkundannati minn dika l-Qorti sabiex jirrimedjaw għax-xogħol ħażin li huma għamlu fil-manufattura tal-madum minnhom in segwitu kkonsenjat lill-attur u dana bil-mod li jiġi lilhom ordnat minn dik il-Qorti, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi u (3) li l-attur, fin-nuqqas ta' esekuzzjoni da parti tal-konvenuti *nomine* fit-terminu lilhom prefiss, jiġi awtorizzat jesegwixxi huwa nnifsu dak kollu ordnat minn dik il-Qorti in forza tat-tieni domanda, taħt id-direzzjoni ta' l-istess periti nominandi a spejjeż tad-ditta konvenuta, bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 10 ta' Diċembru, 1981, kontra l-konvenuti *nomine* u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-attur kontra d-ditta konvenuta naxxenti mill-pretensjoni odjerna;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur ippreżentata flimkien ma' l-imsemmija ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew illi t-talba ta' l-attur kif proposta hija rritwali peress li huma ma ħadux kuntratt ta' appalt kif hemm allegat fiċ-

ċitazzjoni iżda biegħu u kkonsenjaw lill-attur kwantità ta' madum bil-prezz miftiehem;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenuti *nomine;*

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1982 miżmuma quddiem il-perit ġudizzjarju li minnu jirriżulta li l-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għat-tenur ta' l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-31 ta' Ottubru, 1986 li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u għalhekk ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż u dana wara li kkunsidrat illi:

Fis-6 ta' Ottubru, 1982 ġiet issollevata eċċezzjoni ulterjuri da parti tal-konvenut ċjoè dik tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili. Skond dan l-artikolu sub inċiż 1 "L-azzjoni redhibitoria u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli bl-għeluq ta' xahar minn dak tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa. "Is-Sub-inċiż 2 però jkompli jgħid li "iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett";

. L-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu jgħid li hu b'ebda mod ma huwa jeżerċita l-azzjoni redhibitoria iżda l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq il-prinċipji legali li verament għandhom jirregolaw il-materja in kwistjoni u dan kif stabbiliti

fis-sentenza Carmelo Borg *vs* Joseph Mifsud 18 ta' Mejju, 1972 u kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Ottubru, 1980. Huwa sostna li f'każi simili japplikaw ir-regoli ta' l-Appalt u *dan meta l-artiġjan jagħti* x-xogħol u l-materjal. Skond l-attur f'dawn is-sentenzi jingħad li la darba f'dak il-każ id-difett irriżulta fil-materjal użat biss u mhux fit-tqegħid u manifattura, f'dan is-sens biss l-attur kien imissu *eżerċita* l-azzjoni redhibitoria. La hu hekk l-attur isostni li "*a contrario sensu*" mill-istess sentenza joħroġ ċar li meta n-nuqqasijiet rikontratti huwa attribwibbli għal nuqqas fix-xogħol jew fis-sengħa japplikaw ir-regoli ta' l-appalt;

Kwindi għalhekk il-posizzjoni ta' bejn il-kontendenti hija din. L-attur qiegħed jgħid li l-azzjoni esperita *minnu* m'hix l-azzjoni *redhibitoria iżda dik* ibbażata fuq l-appalt u dan a bażi ta' dak li l-attur jallega li ntqal fis-sentenza ppreċitata. Il-konvenut min-naħa l-oħra ma jaqbilx ma' dan u ssottometta li l-kuntratt li sar bejn *il-kontendenti fil*-kwistjoni in eżami huwa wieħed ta' bejgħ u kwindi għalhekk japplikaw għalih ir-regoli kollha li jirregolaw il-kuntratti ta' bejgħ;

*Fis-sentenza tagħha tat*-22 *ta'* Marzu, 1950 *fl-ismijiet* Romeo Dougall *vs* Michele Camilleri, każ li fih l-attur irriklama mingħand il-konvenut il-prezz ta' kjosk ta' l-injam li hu kien ħadem fuq inkariku tiegħu *din il*-qorti qalet: "Illi jidher mill-provi li l-konvenut ta lill-attur l-inkariku li jagħmillu kjosk. In-negozju intervenut bejn il-kontendenti kien dik il-forma ta' lokazzjoni d'opera li tissejjaħ appalt. Hu magħruf li l-"*locatio operis*" *tista' tkun ta' xorta tali li fiha* l-*artiġjan* jag*ħti* mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu imma anki l-materjal, kif kien dan il-każ. Issa, meta huwa hekk il-ġeneralità tad-dottrina u ġurisprudenza tara f'*kuntratt simili* affinità mal-kuntratt tal-bejgħ" (ara wkoll l-awturi ċitati) (ara wkoll Joseph Catania *noe*

*vs* Angelo Lantici deċiża PA 24-10-79 JH). Fil-każ ippreċitat il-Qorti għaddiet biex tittratta l-każ in eżami bħala bejgħ;

Il-każ iċċitat mill-attur huwa ftit jew xejn differenti minn dak in eżami. In fatti l-attur fil-kawża Carmelo Borg *vs* Joseph Mifsud, ippremetta fost oħrajn "li hu kien ta appalt lill-konvenut biex jimmanifattura u jqiegħed *marmettone* fid-dar tiegħu....." Fil-kawża preżenti l-attur xehed bil-ġurament fis-6 ta' Ottubru, 1982 u qal "Jien kont xtrajt il-madum tal-post tiegħi mingħand id-ditta konvenuta. Il-madum t'isfel kellu jkun tat-tip "*Perlato 409*". Għamilt l-għażla tiegħi fuq *sample* illi rajt fil-fabbrika. Il-madum ġie fornit lili xi xahar wara li kont ordnajtu". Fl-ewwel kawża ċċitata mill-attur il-konvenut kellu "kemm iforni l-madum kif ukoll iqegħdu". Fil-każ in eżami n-negozju bejn il-kontendenti kien bejgħ sempliċi ta' madum. Lanqas kien hemm miegħu l-inkariku tat-tqegħid tal-madum. Fil-każ in eżami m'hemm ebda dubju ta' xejn rigward in-negozju li sar bejn il-kontendenti fuq il-madum. Fil-każ in eżami l-attur xtara tant madum ta' ċertu tip mingħand il-konvenut li kellu jiġi kkonsenjat mill-konvenut. Kwindi kemm minħabba n-natura partikolari tan-negozju li sar bejn il-partijiet kif ukoll dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tagħha dwar dan it-tip ta' negozju l-każ in eżami *si tratta* ta' bejgħ u għandu jiġi kkunsidrat bħala tali;

*Una volta* ġie stabbilit li f'dan il-każ *si tratta* ta' bejgħ kwindi allura għandhom japplikaw għall-każ ir-regoli kollha li jirregolaw il-Bejgħ. Kwindi wkoll difetti fl-oġġett supplit huma rregolati u jaqgħu taħt id-disposizzjoni ta' l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili;

Dan l-artikolu jsemmi żewġ termini ta' dekadenza f'każ li l-azzjonijiet kontra d-difett ma jiġux istitwiti f'dawn it-termini. F'każ ta' immobbli huwa ta' sena mill-kuntratt u ta' mobbli

xahar mill-bejgħ. Iż-żewġ termini f'każ ta' difett li ma jkunx jidher però dawn it-termini jibdew jgħaddu minn dak in-nhar li x-xerrej seta' jkun jaf b'dak id-difett. Skond il-fehma tal-perit fil-kawża l-attur seta' kien jaf bid-difett in kwistjoni bejn Lulju/Awissu 1981;

Jibqa' għalhekk issa l-kwistjoni jekk il-madum, *li sussegwentement kien ġie mqiegħed minn terza persuna fil-proprjetà tal-konvenut*, għandux *jiġi kkunsidra bħala mobbli jew* immobbli. Skond il-perit innominat mill-*Qorti dan* għandu jiġi kkunsidra bħala immobbli billi dan *jinsab* imqiegħed fil-fond ta' l-attur u llum jifforma parti *intrinsika* minnu. L-artikolu 345 tal-Kodiċi Ċivili jsemmi *fost* dawk li għandhom jiġu kkunsidrati bħala mobbli "kull ħaġa mobbli li mgħaqqda ma' fond bil-ħsieb li tibqa' ħaġa waħda miegħu għal dejjem". Din kienet forsi li ġagħlet lill-Perit David Pace jasal għall-konklużjoni tiegħu. Irid jingħad però li l-oġġett tal-bejgħ li kien il-madum fil-mument tal-bejgħ kien ċertament mobbli għad *li kien intiż li wara jitqiegħed biex jifforma parti ta' minn immobbli. Kif sewwa* ssottometta d-difensur tal-konvenut fin-*nota ta' l-osservazzjonijiet* ta' l-istess l-oġġett mibjugħ u kkonsenjat kien mobbli u kwindi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet in konnessjoni ma' dan in-negozju għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt ta' bejgħ ta' oġġett mobbli. Apparti dan kollu però ta' min josserva li l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili isemmi li l-azzjonijiet hemm imsemmija jaqgħu bil-preskrizzjoni għal dawk li huma mmobbli ta' l-għeluq sena minn dak in-nhar tal-kuntratt. Dak l-artikolu għalhekk mhux qiegħed jikkontempla l-oġġett imsemmi llum;

Għalhekk jidher li *minħabba li l-oġġett in kwistjoni* huwa mobbli u li għadda t-terminu msemmi fl-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili li fih l-attur seta' jaġixxi kontra l-konvenut, l-azzjoni ta'

l-attur ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fl-10 ta' Novembru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fid-19 ta' Novembru, 1986 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tal-31 ta' Ottubru, 1986, fl-ismijiet premessi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appellati *nomine* u tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati *nomine;*

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati *nomine* ppreżentata fil-5 ta' Diċembru, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-attur appellant qiegħed jissottometti li kif jidher ċar minn eżami taċ-ċitazzjoni huwa mhux qiegħed jeżerċita l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni estimatorja billi n-negozju bejn il-kontendenti kien mhux ta' bejgħ imma wieħed ta' appalt. L-attur appellant qiegħed jissottometti wkoll li rriżulta mir-relazzjoni peritali li kien hemm difett intrinsiku fil-madum in kwistjoni naxxenti mill-manifattura tiegħu u għalhekk a bażi tar-regoli ta' l-appalt it-talbiet tiegħu jistħoqqilhom li jiġu akkolti. Min-naħa tagħhom il-konvenuti appellati *nomine* qegħdin jissottomettu li n-negozju bejnhom u l-attur kien wieħed ta' bejgħ u illi għalhekk iċ-ċitazzjoni kif proposta mill-appellat ma treġġix

*minħabba żewġ raġunijiet* – *l-irritwalità tagħha* u l-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel indaġini li għandha tagħmel il-Qorti għalhekk hi li tistabbilixxi jekk il-ftehim bejn il-kontendenti kienx wieħed *ta' appalt kif qed jippretendi* l-attur jew wieħed *ta'* bejgħ kif qegħdin isostnu l-konvenuti appellati *nomine.* F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ *fil-kawża* Neg. George E. Camilleri *vs* Joseph Mamo *nomine*, 28 ta' Awissu, 1951 (Kollez. Dec. Vol. XXV.III.639) għalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina, tidher però prevalenti u aktar konvinċenti t-teorija li wieħed għandu jħares *lejn l-intenzjoni tal-kontraenti* u jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni *"di fare"*, allura l-kuntratt huwa ta' *"locatio operis"*, mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn *l-obbligazzjoni "di dare"*, il-kuntratt huwa ta' bejgħ. Iżżid din il-Qorti li huwa l-aktar konvinċenti għaliex wara kollox hija l-intenzjoni tal-partijiet li tagħmel il-ftehim ta' bejniethom dak li fil-fatt hu;

F'dan ir-rigward ukoll il-Qorti tiċċita r-Ricci, *Corso Teorico Pratico di Diritto Civile*, Vol. VIII, (paġ. 402) li jgħid: *".....se il contratto abbia per suo primo elemento l'acquisto di una cosa, quand'anche la medesima non dovesse venir consegnata, se non dopo di aver subito un ordinario processo, per cui assuma una determinata comune qualità, onde in commcercio venga pure specialmente designata, quando trattasi veramente di dare piuttosto che di fare, allora si avrà una compra e vendita"* u iktar tard (paġ. 404): *".....per modo che il contratto è di vendita ove l'obbligazione di fare non sia che un mezzo per sodisfare*

*quella di dare, ed è locazione d'opera allorchè l'obbligazione di dare si considera come mezzo per sodisfare quella di fare"*;

Issa fil-każ preżenti, l-attur appellant xehed: "Jien kont xtrajt il-madum tal-post tiegħi mingħand id-ditta konvenuta". Dawn il-kliem juru, fil-fehma tal-Qorti, illi l-attur kellu l-intenzjoni li jixtri madum mingħand il-kumpanija konvenuta u mhux li jagħtiha xi appalt. Skond l-imsemmija deposizzjoni ta' l-attur huwa għamel l-għażla tiegħu fuq *sample* ossija kampjun li kien ra u l-madum kellu jiġi fornit lilu xi xahar wara. Min-naħa tagħhom il-konvenuti ma xehdux iżda hemm id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-konvenut Anthony Fenech annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* fejn ingħad *inter alia* illi "l-attur wara li ra esibiti għall-bejgħ fil-fond kummerċjali ta' l-esponenti, kull tip u daqs ta' madum, ordna numru ta' madum bħal waħda mill-madum esibiti skond il-press irreklamat u miftiehem";

Il-Qorti hi tal-fehma li minn dawn il-provi tista' tikkonkludi, kif fil-fatt qiegħda tikkonkludi, li l-ftehim milħuq bejn il-kontendenti kien wieħed ta' bejgħ fuq kampjun li ġie muri lill-attur, – forma ta' bejgħ dan li hija espressament rikonoxxuta mill-Kodiċi Ċivili (art. 1390). L-attur ried jixtri l-*"opus conficiendum"* u l-obbligazzjoni prevalenti kieneti *"di dare"*;

Isegwi għalhekk li l-azzjoni eżerċitata mill-attur a bażi tar-regoli ta' l-appalt m'hix konformi mal-ftehim li fil-fatt daħlu fih il-kontendenti, li kien wieħed ta' bejgħ. Billi kien każ ta' bejgħ l-attur seta' kien intitolat jeżerċita l-azzjoni redhibitoria jew l-azzjoni stimatorja minħabba d-difett latenti li ġie riskontrat fil-madum in kwistjoni. Din l-azzjoni però ma ġietx eżerċitata entro t-terminu ta' xahar minn meta l-attur seta' jikxef (kif kixef) id-

difett u fil-fatt lanqas ġiet eżerċitata sal-lum;

Jista fl-aħħarnett jiżdied li s-sentenza *Carmelo Borg vs* Joseph Mifsud deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 1980, li għaliha għamel riferenza l-attur appellant in sostenn tas-sottomissjonijiet tiegħu, ma tidhirx li tapplika għall-każ preżenti billi f'dik il-kawża ma ġie bl-ebda mod ikkontestat illi l-ftehim kien wieħed ta' appalt a differenza mill-kawża preżenti fejn proprju l-punt huwa jekk il-ftehim kienx wieħed *ta' appalt* jew ta' bejgħ;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-attur appellant.